Kunsill Lokali Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Erbgħa 22 ta' April 2026. Il-Laqgħa bdiet fl-16:55.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

George Zammit – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsilliera

Josef Charles Hili - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Inqrat l-ittra tal-Viċi Sindku Paul Azzopardi

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 30 bl'emendi u tal-Laqgħa Nru 32 ġew iċċirkolati minn qabel u kienu meqjusa moqrija u ġew approvati.

## 33.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

*Triq ta' Ġidi u Triq tal-Lewz*

Is-Sindku qalet li x-xogħolijiet fi Triq ta' Ġidi bdew u x-ogħol miexi u mhux suppost idum biex jitlesta. Hija spjegat ukoll li fi Triq tal-Lewż kien hemm xi problema għax kien hemm ilmijiet li kienu qed jaħsbu li huma dranaġġ pero kien ilma qiegħed. Is-sindku spjegat li hii qeda' f'komunikazzjoni mad-DG s-Sa Vicky Xuereb sabiex ix-xogħolijiet f'din it-triq jibdew u ma jdumux.

*Il-Qarċilla*

Is-Sindku qalet li kellna konferma minn għand is-Sur Jamie Camilleri li l-iscript tal-Qarċilla għall-karnival kien sar script apposta għall-karnival tax-Xewkija.

*Mera ta' Triq l-Indipendenza*

Is-Sindku qalet li kien hemm ilment rigward mera li kien hemm Triq l-Indipendenza. Dan l-individwu kien talab permess li titneħħa l-mera minn mal-propjeta tiegħu lis-Sur Chrismar Xuereb sakemm titranġa l-propjeta pero issa meta x-xogħolijiet fuq il-propjeta kienu lesti kull meta jinżebah fejn suppost terġa titwaħħal il-mera is-sid kien qed ineħħih. Is-Sindku tenniet li għal din il-mera lanqas hemm bżonn approvazzjoni għa din kienet diġa tinsab fuq is-sit qabel imma qed issemmiha sabiex dawk preżenti jkunu nfurmati.

*One ways*

Is-Sindku semmiet rigward il-one ways u li l-aħjar soluzzjoni hi li Triq l-Indipendenza tkun one way il-fuq u Triq il-Mitħna one way l-isfel. B'hekk tkun tista titneħħa r-roundabout ukoll. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni ta' dawk preżenti, ġiet approvata unanimament.

Is-Sindku kompliet dwar l-ilmenti li qedin jintbagħtu mis-sinjura Julitta Chmiel-Sobieralska rigward talba sabiex Triq Santa Katerina tiġi one way. Is-Sindku qalet li din is-sinjura qeda titlob bankina ukoll. Hija qalet li anke jekk joħorġilha l-permess tal-bankina din ser toħloq problemi ukoll minħabba li t-triq hija dejqa. Is-Sindku talbet lil dawk preżenti biex jittieħed vot rigward dan. Dawk preżenti qablu unanimament li huma kontra li ssir il-bankina u li lanqas issir one way.

*Tiġrija tat-10K tar-roti*

Is-Sindku qalet li hemm kollox lest u qedin jaraw kif ser tinqasam l-ispiza għax ser tkun ftit għolja. Hija qalet li drones jitħallsu mill-Kunsill sabiex jibqgħu għall-promozzjoni tas-sena d-dieħla. Ser isiru attivitajiet tat-tfal li ser ikunu mħallsin mill-Kunsill ukoll. Is-Sindku wieġbet li t-triq ser tkun magħluqa minn fejn ta-qajfat sa l-qala, d-dritta għall-mistoqsija tal-kunsillier Josef Hili għa jekk kien ser ikun hemm aktar toroq magħluqin, l-ispiża tat-Transport Malta kienet ser titla' ħafna. Hija qalet li ser jingħataw trophies lil min jirbaħ.

*Laqgħa nformattiva għar-residenti*

Is-Sindku qalet li qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti ta' Triq Sant Indrija u Triq il-Ħamsin rigward it-traffiku però ħadd ma jrid is-sleeping policemen quddiem il-propjeta tiegħu. Is-Sindku tenniet li għandha ssir laqgħa mar-residenti sabiex jinstemgħu l-ilmenti tagħhom u jiġi deċiż x'jista jsir. Dawk preżenti qablu li tintbagħat ittra lir-residenti u ssir il-laqgħa. Hija ssuġġerriet li jkun hemm uffiċċjal tat-Transport Malta għal-din il-laqgħa ukoll. Il-Kunsillier Josef Hili qal li l-akbar problema li hemm fi Triq Sant Indrija hija minħabba Triq il-Lewż u t-trakkijiet li qed jkollhom jgħaddu huma u ġejjin minn Ta' Sannat. Huwa qal li nofs il-problema tissolva meta' ssir Triq il-Lewż.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Ma' kien hemm l-ebda mistoqsija.

**33.5 Tiġrija taż-żwiemel;**

Is-Sindku qalet li s-Sur Shannon Pisani ntgħażel mill-Bord li sar minħabba t-tiġrija. Dawk preżenti qablu unanimament. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk aċċettax it-termini fejn is-Sindku wieġbet li l-unika problema li għandu wara li il-Kunsill jkun ħallas l-għaxar t'elef li ser ningħataw mill-Ministeru li kienu ukoll kkunfermati huma l-bars u jridhom għalih. Peress li l-bar tal-Westend skond ir-risk assessment li għadu ma' ġiex approvat u jrid jiġi approvat f'din il-laqgħa jrid jingħalaq, l-organiżżatur offra li lis-sid tal-post joffrilu bar minnhom.

Il-Kunsillier Josef Hili qal li lanqas jistgħu jinqatgħu l-għaqdiet tar-raħal li fis-sena preċedenti kellhom l-bars. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li l-orgaizzatur zgur li mhux ser jagħmel it-tiġrija b'dawk l-għaxar t'elef biss għax ikun hemm il-kitba taż-żwiemel fejn is-Sindku wieġbet li din is-sena t-tiġrija mhux ser iddum dak it-tul ta' ħin kollu u għalhekk ser ikun hemm inqas ktiba.

Is-Sindku qalet li għarfet lill-organizzatur li Transport Malta titla' spiża. Hija kompliet u qalet li l-blokok din is-sena ser ikun hemm ħafna inqas u għalhekk l-ispiża ser tonqos. Hija fehmet ukoll li għalkemm l-organizzatur jiffima li ser jieħu r-responsabbilta kollha xorta jekk ikun hemm xi inċident l-individwu jista' jħarrek lill-Kunsill.

Il-kunsilliera Jeanelle Attard u Josef Hili ma qablux li l-bars mhux ser joħduhom l-għaqdiet. Is-Sindku qalet li għadha trid tkellem lill-propjetarju tal-Westend sabiex tara jaqabilx ma' dan l-arranġament.

Il-Kunsillier Josef Hili qal li fis-sena preċedenti bar wieħed ħadem ta’ fejn il-finish line. Huwa qal ukoll li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jarmaw bl-ikel minnflok.

Is-Sindku tenniet li ġaladarba proponejna lill-organiżżatur li l-Kunsill ser igħaddi l-għaxar t’elef biss li ġew mgħotiha mill-Ministeru għall Għawdex u l-Ippjanar lill-Kunsill, l-organizzatur sostna li jkollu żewġ bars. Il-kunsillier Josef Hili qal li jaqbel sakemm l-għaqdiet diġa qablu u jkunu offruti alternattiva oħra sabiex jarmaw bl-ikel. Dawk preżenti qablu.

### 33.6 Skema dog parks;

Is-Sindku spjegat li ħarġet applikazzjoni għal dog parks u cat cafes mill-MAFA, hija spjegat li tkellmet mas-Sindku t’Għajnsielem sabiex il-Kunsill japplika konġunt ma’ t’Għajnsielem u jsir dog park fejn il-heliport fejn kien ser isir park qabel. Is-Sindku t’Għajnsielem qabel li ssir l-applikazzjoni. Dawk preżenti qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f’din l-iskema €50,000 huwa l-massimu tas-somma li tista’ tingħata.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-proġett tal-Barmil fejn is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ntbagħtet korrispondenza minn Project grenn li qed isiru xi investigazzjonijiet ta’ l-art.

### 33.7 Vakanza part-timer;

Għandha ssir l-intervista nhar it-Tnejn biex timtela’ l-vakanza.

### 33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ l-Iskeda ta’ Pagamenti;

L-iskeda tal-pagamenti 04/2026 ġiet approvatha u ffirmatha.

### 33.9 Korrispondenza u Ilmenti;

24.03.2026 - Stedina ghall-Kuncert mill Edinburgh University Renaissance Singers 9 ta' April 2026 fis-7:30 pm. Kolleggjata San Lawrenz Birgu

24.03.2026 - European Climate Pact 2026 National Event - Invitation - 24th April 2026

01.04.2026 - Formazzjoni ta’ Bord għall-Proċess tal-Espressjoni ta’ Interess – Tiġrija taż-Żwiemel

08.04.2026 - Due diligence - audit for the year 2024

14.04.2026 - Cir AKL 2026/023_ALDA General Assembly 2026

15.04.2026 - Lejla ddedikata għall-Apprezzament tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali

15.04.2026 - Il-Festival tad-Drammi tal-Lingwi Ewropej Żgħar fit-Teatru Manoel

20.04.2026 - Cir AKL 2026/031_You Matter - Thriving Under Pressure_08.05.2026

- Ilment sabiex ic-CCTVs isiru bil-motion detection, is-Sindku wriet din ix-xewqa għax qed ikun hemm l-abbużi fi sqaq ta' fejn il-Kunsill. Il-porfido ttebba kollu biż-żejt, hi qalet li staqsiet lil Ian li kien installa' l-cameras u biex issir l-update tal-cameras hemm spiża ta' €30 kull waħda. Is-Sindku qalet li skond uffiċċjal tal-LESA, Malta jitolbu depożitu qabel jibdew ix-xogħolijiet sabiex jekk isiru danni, dawn jitħallsu minn dak id-depożitu. Dan isir b'kuntratt. Is-Sindku qalet li l-problema li hemm fejn il-Kunsill hija li hemm aktar minn sid wieħed għaddej biex xogħolijiet u għalhekk tixtieq li ssir l-update fil-cameras. Il-Kunsillera Jeanelle Attard qalet li inutli jsiru l-cameras jekk ma jkun hemm ħadd magħhom fejn is-Sindku wieġbet li bil-motion detection ma jkunx hemm għalfejn tara l-filmat kollu.
  Il-Kunsillier Josef Hili qal li għandu jsir xi tip ta' post fuq il-media soċjali sabiex minn jara xi tip t'abbuż jirrapporta il-Kunsill u b'hekk jiċċekkjaw il-cameras.
  Is-Sindku qalet li hemm bżonn aktar cameras madwar ir-raħal, hija qalet li kien hemm qbil mal-Ministeru li ser jagħtu lill-Kunsill għaxar cameras lill-Kunsill però mhemm xejn ftehim bil-miktub. Dawk preżenti qablu.

- Rigward l-ilment minn Jane Farrugia, hemm il-kawża fis-19 ta' Mejju 2026 u ġew imressqa l-membri eletti tal-Kunsill kollu. Is-Sindku qalet li l-pulizija ressqu lill-membri eletti bħalha xhieda. Is-Sindku qalet li l-problema hi li t-triq dejqa u s-Sa Jane Farrugia qeda titlob bankina wisa' li tkun biżżejjed li jgħaddi wheelchair u pushchair.

- L-OASI bagħtu għall- Cup Run 12th Edition li ser ikun fl-4 t' Ottubru 2026 – dawk preżenti qablu għall No Objection.

- Joseph Sacco, Triq il-Ħamsin irid bozza ma' arblu li diġà hemm – approvat

- Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li hemm gruppi ta' l-iskola jridu jużaw Ġnien ta' Blankas għall xi lezzjonijiet – dawk preżenti qablu li ma' jkunx hemm rinumerazzjoni

- Talba biex issir bozza fuq iz-zebra crossing ta' fejn Strawberry Supermarket – trid tintbagħat imejl biex jikkjarifikaw għax ma hemmx zebra crossing

- Ilment fi Triq Sant Indrija mir-residenti li l-karozzi qed jitilgħu fuq il-bankini, is-Sindku qalet li din tista' tissolva bil-cameras, Transport Malta qalet li ma jridux jagħmluha one way u lanqas hi. Is-Sindku staqsiet għall-approvazzjoni minn dawk preżenti li jekk il-Ministeru ma' jagħtix fondi, l-cameras isiru xorta.

- Talba minn Anthony Farrugia sabiex isiru double yellow lines mall-faċċata tad-dar fi Triq il-Ħamsin – mhux approvat

- Talba għall-blue badge parking minn Anthony Grima – ġie approvat

- Talba mill-INDIS għall double yellow lines faċċata tal-Innovation Hub għax qedin jipparkjaw it-trailers – mhux approvat pero' permess li jsiru tabelli tan-No Heavy Vehicles

- Talba minn individwu li tixtieq tibda tarma fil-monti – approvazzjoni sakemm dak li m'għadux jarma kien bl-istess affarijiet li ser tarma bihom hi

- Talba għar-refrectors biex jitwaħħlu mat-turġien tal-knisja – jistaqsu lill-arċipriet

- Talba għall guard mal-bankina biex ma' jitilgħux karozzi fuq il-bankina fi Triq Ċappelli – mhux approvatha

- Talba għall bollard fi Triq il-Knisja – approvatha

- Talba għall toqob għall arbli fejn tal-Bombos – mhux approvat minħabba l-inċident li kien sar fis-sena preċedenti, jridu jiċċekkjaw ma' l-Enemalta rigward s-servizzi mgħoddijin

- Talba għall-party mill-Għaqda Żgħażagħ fi Gnien Ta' Blankas – ġie maqbul li jkun b'xejn

- Talba biex isir party Ġnien ta' Blankas – nibgħatalu li biex tintuża l-kamra hemm ħlas ta €250

- Talba minn Chantelle Agius fi Triq l-Indipendenza għall-permess għall-bowzer nhar is-Sibt – mhux approvat jekk fost il-ġimgħa jingħatalha permess b'xejn

**33.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:25 u ġiet aġġornata għall Gimgħa 22 ta' Mejju 2026 fl-16:30

Kkonfermati llum __________________________

____________________________
Simona Refalo
Sindku

____________________________
Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv